SEGRETARJAT GĦALL-KLERU

# *Welfare Fund*

ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

SEGRETARJAT GĦALL-KLERU

# *Welfare Fund*

## I

## L-Isem tal-*Welfare Fund*

L-isem tal-*Welfare Fund* huwa 'Welfare Fund Kleru' (fil-qasir WFK).

## II

## L-Għanijiet tal-Fund

Li jgħin finanzjarjament jew b'xi mod ieħor lill-imseħbin tal-fund jew lill-familjari tagħhom fejn applikabbli u li kull għajnuna possibli tkun komparata u kompatibli, ma' risorsi finanzjarji li jkun jippossedi l-*Fund* jew b'mod ieħor skond il-każ. B'familjari huwa miftiehem il-ġenituri u aħwa mhux miżżewġa tal-membru li jgħixu miegħu.

## III

# Min Jista' ikun Membru

Il-qassisin kollha tad-Djoċesi ta' Malta. Dawk il-membri li jirtiraw f'dar tal-anzjani jistgħu jibqgħu membri skond kundizzjonijiet li jista jagħmel minn żmien għal żmien il-kumitat tat-tmexxija.

Is-Seminaristi jistgħu jsiru membri temporanji skont kundizzjonijiet li jista' jagħmel minn żmien għal żmien il-kumitat tat-tmexxija.

## IV

# It-Tmexxija tal-Welfare Fund

It-tmexxija taqa' taħt il-presidenza taċ-*Chairperson*. Preferribilment din tkun persuna indipendenti, b'esperjenza tajba u wisgħa, u ta' fama tajba. Iċ-*Chairperson* għanda tkun persuna nominatata mid-Diretttur Ġenerali u approvata mill-Isqof.

Is-segretarju ikun qassis maħtur mid-Direttur Ġenerali u jkun membru tal-kumitat tat-tmexxija. Il-kumitat irid jamministra l-*fund* fl-aħjar interessi tal-membri u tal-*fund* innifsu. Kull infiq li jsir irid jiġi approvat mill-kumitat.

F'każ li l-*fund* jiġi likwidat, il-laqgħa ġenerali għall-membri msejħa għal dan l-iskop il-bqija tal-fondi għandhom imorru għall-*Fondo Clero*.

## V

# Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet u Regoli Oħra

Kull membru li jidħol fil-*fund* irid iħallas kontibuzzjoni ta' €5 fix-xahar. Din il-kontribuzzjoni tgħaddi għand il-kaxxier tal-*fund* li jieħu ħsieb li jiddeposita l-fondi f'kont bankarju f'isem il-*fund*.

Kull qassis djoċesan għandu dritt li jidħol fil-*fund*. Kull membru jingħata riċevuta ta' assoċjazzjoni mit-Teżorier u kopja tal-istatut.

Membru li jiddeċiedi li jirriżenja mill-*fund* għandu jwassal bil-miktub ir-reżenja tiegħu lis-Segretarju tal-*fund* u jingħata lilu *acknowledgement*.

Il-Kurja ta' Malta twiegħed li tgħaddi lill-*fund* kull sena somma ta' flus ekwivalenti għas-somma globali li l-membri jkunu ikkontribwew għall-*fund*. Il-kumitat tal-*fund* għandu dritt jaċċetta kontribuzzjonijiet oħra volontarji u li jorganizza *fund raising activities* għal skopijiet tal-*fund*.

Il-*fund* għandu dejjem ikollu bilanċ ta' €2000 f'riservi. Dawn għandhom jintużaw biss f'każijiet li għadhom bżonn trattament urġenti jew eċċezzjonali.

## VI

## Benefiċċji

Il-benefiċċji li l-membri tal-*fund* jistgħu jibbenifkaw minnhom jiġu stabilliti mill-kumitat ta' tmexxija fuq ir-riżorsi finanazjari tal-*fund*. Dawn għandhom jinkludu fost l-oħrajn:

- mard fit-tul;
- Assistenza waqt kura medika barra l-pajjiż;
- Xi mard ieħor li li-kumitat iħoss li għandu bżonn għajnuna;
- F'każ ta' mewt ta' membru tal-*fund* jew familjarji, assistenza għall-ispejjeż tal-funeral
- Kull bżonn ieħor li ġeneralment mhux provduti fi skemi oħra tal-Knisja jew tal-Istat.

Il-kumitat tal-*fund* għandu jistabillixxi linja gwida ġenerali għall-għoti tal-benefiċċji. Dan il-fond m'għandux jitqies bħala alternattiva ghall-*health insurance schemes* partikolarment jekk il-*claims* li jagħmlu ma jkunux aċċettati minn dawn l-iskemi provduti.

## VII

## Talbiet għall-Benefiċċji

Talbiet ghall-benefiċċji għandhom isiru fuq formoli apposta maħruġa mill-kumitat tal-*fund*. Is-Segretarju huwa l-obbligu tiegħu li jressaq kull

talba li ssir mill-membru fl-ewwel laqgħa tal-kumitat għad-diskussjoni. Is-Segretarju għandu jikteb lill-membru bid-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat dwar il-każ li jkun ressaq il-membru.

Meta talba ta' membru ma tiġix milqugħa mill-Kumitat il-membru jiġi notifikat bid-deċiżjoni tal-Kumitat. Il-membru jkollu dritt fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data li jkun irċieva l-ittra personalment iressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu quddiem il-Kumitat.

F'każ fejn it-talbiet ma jiġux aċċettati, dawn ma jistgħux jerġgħu jiġu quddiem il-Kumitat tal-*fund* għad-diskussjoni qabel ma jgħaddu tlett (3) xhur mir-rifjut tagħhom. Biex talbiet bħal dawn jiġu diskussi, irid ikollhom l-approvazzjoni unanima tal-membri tal-Kumitat.

Kull talba li ma tiġix milqugħa tista' terġa tiġi diskussa mill-Kumitat darba waħda biss. Wara każi bħal dawn jiġu dikjarati magħluqa u d-deċiżjoni tal-Kumitat tkun finali. Talba għall-benefiċċji tista' issir mill membru jew xi ħadd f'ismu.

## VIII

## Il-Kumitat tal-Fund

Il-Kumitat tal-*fund* għandu jkun iffurmat minn dawn il-membri:
Tlett (3) persuni maħtura mid-Direttur Ġenerali, fosthom is-Segretarju
Tlett (3) persuni eletti minn fost il-membri

Il-Viċi-*Chairperson*, u l-Kaxxier jiġu maħtura minn fost il-Kumitat.

## IX

## Laqgħa Ġenerali

Il-Laqgħat Ġenerali bijennali (darba kull sentejn) għandhom jinżammu fix-xahar ta' Jannar; u għal dawn il-laqgħat jistgħu jattendu l-membri li jkunu ilhom membri mhux anqas min tlett (3) xhur.

Ix-xogħol normali ta' laqghat ġenerali, għandu jkun ibbażat fuq dawn il-kriterji:

- Qari tal-Minuti
- Approvazzjoni ta' Rapport Amministrattiv u Finanzjarju
- Elezzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija
- Diskussjonijiet fuq mozzjonijiet jew emendi jekk ikun hemm
- Kull membru għandu jkun notifkat bil-laqgħa ġenerali mhux anqas minn ħmistax (15)-il ġurnata qabel id-data tal-laqgħa.

## X

## Elezzjoni tal-kumitat tat-Tmexxija

L-elezzjoni tal-kumitat tat-tmexxija tal-*fund* issir darba kull sentejn (2) minn fost il-membri tal-Welfare Fund. Tlett persuni biss jistgħu jiġu eletti. Kull membru imsieħeb għandu d-dritt biex ikun membru ta' dan il-kumitat. Għalhekk għandu jinħareġ avviż għan-nominazzjonijiet għal-ħatriet ta' membru filwaqt li tingħata data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet.

Kull nomina trid tkun iffirmata minn proponent, sekondant u l-firma tal-kandidat fejn jikkonferma li huwa aċċetta n-nomina tiegħu. Dawn kollha jridu jkunu membri regolari tal-*fund*.

Wara l-għeluq tan-nominazzjonijeit, is-Segretarju tal-*fund* għandu jressaq quddiem il-Kumitat, il-lista ta' nominazzjonijiet u għandu jassigura li kull nominazzjoni hija koperta skont ma jgħid dan l-istatut.

Formoli ta' nominazzjonijiet għandhom jinġabru mingħand is-Segretarju.

Qabel l-elezzjoni tal-Kumitat jinħatru *Tellers* u *Returning Officer* biex jassistu u jgħinu fit-tmexxija tal-elezzjoni.

Fil-kaz li matul il-perjodu tal-kumitat tinħoloq vakanza fil-kumitat, din il-vakanza timtela skont il-preċendenza tar-riżultat tal-aħħar elezzjoni.

L-ebda persuna ma tista tiġi nominata għal kumitat jekk il-persuna ma tkunx ilha membru tal-*fund* mill-inqas tlett (3) xhur.

**Approvazzjoni tar-Rapporti Amministrattiv u Finanzjarju**
Kull laqgħa bijennali għandha tapprova r-rapport amministrattiv li jkunu għadhom kemm għaddew. Dan jitressaq mis-Segretarju f'isem il-kumitat.

Fl-istess laqgħa għandu jigi moqri u approvat ir-Rapport Finanzjarju li jitressaq mill-kaxxier. Dawn iż-żewġ rapporti jkopru l-attivitajiet kollha tal-kumitat matul is-sentejn li jagħlqu fil-31 ta' Dicembru. Ir-Rapport Finanzjarju jrid jiġi approvat minn awdituri pubbli1i u kwalifikati u rikonoxxuti skont il-liġi.

Fl-istess laqgħa wkoll għandu jsir indirizz miċ-*Chairperson* tal-fund lill-membri tal-*fund*.

**Mozzjonijiet u Emendi għall-Istatut**
Il-Membri tal-fund ikollhom il-faċilità li jresssqu emendi għall-istatut jew mozzjonijiet fiż-żmien addattat bħal tan-nominazzjonijiet tal-kumitat.

Jekk ikun hemm mozzjonijiet jew emendi għall-istatut, dawn għandhom jiġu diskussi fl-istess laqgħa ġenerali annwali li tkun qegħda ssir.

## XI

# Laqgħat Ġenerali Straordinarji

Meta tinħass il-ħtieġa, ic-Chairperson bil-parir tal-kumitat ikun jista' isejjaħ *Seduta Ġenerali Straordinarja* biex jiġu deċiżi affarijiet importanti u urġenti matul is-sena.

Għal kull *Seduta Ġenerali* għandu jitwaħħal avviż fin-*Notice Board* u tintbagħat Ċirkulari bil-miktub lil kull membru tal-*fund* mill-inqas ħmistax (15) –il ġurnata qabel is-seduta, bl-aġenda, id-data, l-ħin u l-post ta' fejn tkun ser tinżamm il-laqgħa.

Laqgħa Ġenerali Straordinarja tista tissejjaħ kemm-il darba jkun hemm talba bil-miktub minn mhux anqas minn 25 fil-mija tal-membri mħallsa regolari, fejn għandhom jispeċifikaw bil-miktub it-talba tagħhom.

Kull membru tal-*fund* li jkun jixtieq iressaqq xi proposta għas-*Seduta Ġenerali* għandu jagħmel dan bil-miktub mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem qabel ma tkun ser tinżamm is-*Seduta*.

Meta l-*quorum* ma jintlaħaqx is-seduta tibda nofs siegħa tard. Wara ssir bin-numru tal-membri preżenti, u kull deċiżjoni li tittieħed tkun valida. Iċ-*Chairperson*, il-Kaxxier u s-Segretarju/a jibqgħu *ex officio* jamministraw is-seduta sakeem jiġi mħabbar il-Kumitat il-ġdid.

## XII

# Dmirijiet tal-Kumitat

Iċ-*Chairperson* għandu jippressjedi s-seduti kollha u jirraprezenta il-*Welfare Committee* fi kwalunkwe okkażjoni. F'każ li ċ-*Chairperson* ikun indispost, il-Viċi-*Chairperson* għandu jippresiedi is-Seduti kollha u jassisti liċ-*Chairperson* fi kwalunkwe okkażjoni.

Huwa dmir tas-Segretarju li jirreġistra dak kollu li jsir fis-seduti kollha, jżomm il-korrispondenza li jibgħat u li jirċievi u li jġibhom għall-attenzjoni tal-kumitat. Għandu wkoll iżomm reġistru bl-ismijiet tal-membri bl-indirizzi tagħhom.

Il-Kaxxier għandu jżomm il-kotba u dokumenti kollha tal-Banek u dokumenti oħra ta' sigurtajiet li jista' jkun hemm. Huwa dmir tal-kaxxier li jżomm ir-*records* kollha tal-ammonti ta' flus li joħorgu mill-*fund*, flimkien ma' reġistru li juri d-dħul u l-ħruġ ta' flus bid-dettalji u rċevuti kollha konnesi mal-finanzi. Kull dħul u ħruġ ta' flus għandhom isiru mill-kaxxier u għandu jippreżenta lill-kumitat il-prospetti tal-qagħda finanzjarja kull xahar fil-laqgħat tal-kumitat u jitniżżel fil-minuti.

Kull ħruġ ta' flus mill-*fund,* flimkien mal-firma tal-kaxxier, irid ikun hemm il-firma taċ-*Chairperson* jew tas-Segretarju/a.

Huwa dmir tal-membri tal-Kunitat li jattendi s-seduti kollha tal-kumitat.

## XIII

## Proċedura tas-Seduti

Il-Kumitat għandu jiltaqa' f'seduta tal-inqas darba fix-xahar. Seduti jistgħu jsiru aktar spissi jekk ikun hemm il-ħtieġa. Is-seduti għandhom jissejħu b'ċirkulari bl-ordni taċ-*Chairperson* u bil-firma tas-Segretarju li jkun fiha aġenda ċara bid-data, il-ħin u l-post. Din trid tintbagħat mhux anqas minn tmint ijiem (8) qabel is-seduta.

Kwalunkwe membru tal-kumitat huwa fid-dmir li ma jiżvelax id-diskussjonijiet li jkunu saru fis-seduta taħt piena li jista' jiġi mneħħi mill-kumitat, bil-possibilità wkoll li jittieħdu passi oħra.

Jekk membru ma' jattendiex għal tlett laqgħat konsekuttivi mingħajr ma jagħti raġuni valida, jiġi meqjus li hu rriżenja mill-Kumitat.

## XIV

## Interpretazzjoni tal-Istatut

Kull fejn dan l-istatut mhux ċar biżżejjed, kif ukoll meta tinħtieġ interpretazzjoni dwar xi artikoli tiegħu, il-kumitat għandu jiddeċiedi huwa basta li d-deċiżjoni tal-kumitat tigi ratifikata fl-ewwel laqgħa ġenerali li ssir.

Kull min jinqabad jabbuża jitlef kull forma ta' għajnuna u dritt li tista' tingħata. Jista jitkeċċa minn membru tal-*fund* u jistgħu wkoll jittieħdu passi oħra.

Kurja tal-Arċisqof, Il-Furjana FRN 1535, Malta
✆ (00356) 2590 6307 ✉ segretarjatkleru@maltadiocese.org